# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 20 ta' April 2021**

**Kawza Numru: 4**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1149/2020 JVC**

**Franco Buttigieg, Anna Buttigieg, Carmelo Borg u Emmanuela sive Noelle Borg**

**vs**

**Carmelo sive Charles Borg**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Franco Buttigieg et ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti huma s-sidien ta' l-art li tinsab fi Triq Dun Karm, kantuniera ma Triq il-Vittorja, Birkirkara, ta' kejl superficjali ta' 298 metri kwadri li originarjament kienet

tifforma parti minn art akbar maghrufa bhala Ta' Sqaq il-Qniezah fil-kontrada ta' Ghar il-Gobon liema art huma akkwistaw permezz tal-kuntratt tal-5 ta' Gunju 2018 fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok A.

2. Illi din l-art tinsab abbusivament u illegalment okkupata mill-intimat Carmelo Borg li m'ghandu l-ebda titolu validu skond il-ligi.

3. Illi din l-okupazzjoni abbsiva u illegali qeghda tikkawza lill-esponenti diversi danni u dan mhux biss ghaliex huwa qieghed icahhad lill-esponenti mill-uzu tal-proprjeta taghhom imma ukoll ghaliex din l-art qeghda tigi uzata bhala scrapyard tal-karozzi illegali u bla permess tant li l-esponenti u/jew l-ante-kawza taghhom gia ircevew kontra taghhom enforcement notices bin-numri EC/00965/02, EC/00739/95 u EC/0583/93 li kopja taghhom qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok B

4. Illi meta l-esponenti talbu lill-intimat sabiex jizgombra mill-art in kwistjoni Carmelo Borg l-attur, spicca mhedded tant li ittiehdu proceduri kriminali kontra l-intimat fejn l-Qorti tal-Magistrati harget ordni ta protezzjoni favur l-esponenti Carmelo Borg

5. Illi ghar minn hekk l-art ta' l-esponenti qeghda tintuza ukoll biex jinzammu karozzi misruqa fiha tant li bhalissa l-intimat jinsab taht arrest f'Kordin u ghaddejin proceduri kriminali kontra tieghu.

6. Illi in oltre l-intimat gia kien ammetta illi huwa qieghed jokkupa l-art in kwistjoni b'mera tolleranza fl-affidavit hawn

anness u mmarkat Dok C u ghalhekk certament m'ghandu l-ebda titolu validu skond il-ligi.

7. Illi ghalhekk l-esponenti ghandhom htiega impellenti sabiex jiehdu l-pussess ta' l-art proprjeta taghhom, u dan ghaliex qeghda tintuza ghall-skopijiet kriminali bil-hazna ta' karozzi misruqa, u qieghed issir uzu illegali minnha bhala scrap yard, tant li gia inhargu diversi enforcement notices fuq l-art, li kull ma immur iz-zmien iffisser illi l-penali li qeghdin jidekorri qeghdin jizdiedu.

8. Illi l-esponenti gia interpellaw lill-intimat sabiex jizgombra mill-art in kwistjoni permezz tal-ittra ufficjali Dok D hawn annessa, pero minkejja dan huwa xorta baqa inadempjenti.

9. Illi sa fejn jafu l-esponenti l-intimat m'ghandu l-ebda difiza x'jaghti u ghalhekk din il-kawza qeghda tigi intavolata bil-procedura sommarja ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex jissussistu l-elementi sabiex il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh.

10. Illi l-esponenti jafu b'dawn il-fatti personalment u qieghed jikkonfermahom bil-gurament tieghu Franco Buttigieg

Ghaldaqstant l-esponenti qeghdin jitolbu lill-din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsijasi dikjarazzjoni li jidrilha xierqa u opportuna, taqta u tiddeciedi l-kawza billi;

1. Tiddikjara u Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut Carmelo sive Charles Borg qieghed jokkupa l-art fi Triq Dun Karm, kantuniera ma Triq il-Vittorja, Birkirkara, ta' kejl superficjali ta' 298 metri kwadri li orginarjament kienet tifforma parti minn art akbar maghrufa bhala Ta' Sqaq il-Qniezah fil-Kontrada ta' Ghar il-Gobon proprjeta ta' l-esponenti minghajr ebda titolu validu skond il-ligi

3. Tordna lill-konvenut Carmelo sive Charles Borg sabiex fi zmien qasir u perentorju jizgombra mill-art fi Triq Dun Karm, kantuniera ma Triq il-Vittorja, Birkirkara, ta' kejl superficjali ta' 298 metri kwadri li originarjament kienet tifforma parti minn art akbar maghrufa bhala Ta' Sqaq il-Qniezah fil-kontrada ta' Ghar il-Gobon

Bl-ispejjez kontra l-intimat Carmelo sive Charles Borg li minn issa ingunt ghas-subizzjoni u b'riserva ghall-kull azzjoni ta' danni spettanti lill-esponenti'.

Rat l-affidavit, kuntratt, pjanta, enforcement notices, ittra ufficjali dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet tal-lum stess;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Rat illi fil-verbal tal-lum il-Qorti laqghet l-ewwel talba attrici sabiex din il-kawza tinstema' bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

Rat illi permezz ta' kuntratt tal-5 ta' Gunju, 2018 ir-rikorrenti xtraw il-proprjeta' mertu tal-kawza odjerna;

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat partikolarment l-affidavit tal-istess intimat Charles Borg a fol. 23 *et seq* tal-process, illi fil-paragrafu numru sebgha (7) l-istess intimat jiddikjara illi:

> *'Meta jiena mort ghand il-Profs Ganado biex nitolbu idawwar il-qbiela fuqi, huwa kien qalli li ma riedx qbiela, kien ser ihallini nahdimha u nokkupaha, bil-patt u l-kundizzjoni li meta jigi bzonnha jiena nohrog il-barra. Jiena ovjament accettajt ghaliex din kienet l-art tieghu;'*

Rat ukoll dak iddikjarat fil-paragrafu sittax (16) tal-affidavit fejn qal illi:

> *'Jiena ghadni sal-illum naghmel uzu mill-bicca ta' isfel bhala yard, u dan bi pjacir tas-sidien;'*

Rat illi l-intimat Carmelo sive Charles Borg m'ghandu l-ebda titolu validu fil-ligi sabiex jibqa' jokkupa l-fond in kwistjoni;

Fic-cirkostanzi suesposti il-Qorti tqis li t-talbiet attrici huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess;

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

2. Tilqa′ t-tieni talba u tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut Carmelo sive Charles Borg qieghed jokkupa l-art fi Triq Dun Karm, kantuniera ma Triq il-Vittorja, Birkirkara, ta′ kejl superficjali ta′ 298 metri kwadri li orginarjament kienet tifforma parti minn art akbar maghrufa bhala Ta′ Sqaq il-Qniezah fil-Kontrada ta′ Ghar il-Gobon proprjeta ta′ l-atturi minghajr ebda titolu validu skond il-ligi;

3. Tilqa′ t-tielet talba u tordna lill-konvenut Carmelo sive Charles Borg sabiex fi zmien massimu ta′ xahar jizgombra mill-art fi Triq Dun Karm, kantuniera ma Triq il-Vittorja, Birkirkara, ta′ kejl superficjali ta′ 298 metri kwadri li originarjament kienet tifforma parti minn art akbar maghrufa bhala Ta′ Sqaq il-Qniezah fil-kontrada ta′ Ghar il-Gobon;

Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**20 ta′ April, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**20 ta′ April, 2021**